II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/596

**tat-8 ta' April 2021**

**li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE rigward l-istatus ħieles mill-bruċelloża tal-Kroazja b'rabta mal-merħliet bovini**

*(notifikata bid-dokument C(2021) 2260)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffetwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-paragrafu 7 tal-Anness A.II. tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 64/432/KEE tapplika għall-kummerċ ta' annimali bovini fl-Unjoni. Din tistipula l-kundizzjonijiet li skonthom Stat Membru jew reġjun tiegħu jista' jiġi ddikjarat uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(2) L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE ([2]) jipprevedi li l-Istati Membri mniżżla fil-Kapitolu 1 tal-Anness II tagħha huma ddikjarati uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet ta' annimali bovini.

(3) Il-Kroazja ppreżentat id-dokumentazzjoni li turi l-konformità tat-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 64/432/KEE lill-Kummissjoni, biex tiġi rikonoxxuta bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet bovini.

(4) Wara l-evalwazzjoni ta' dik id-dokumentazzjoni ta' sostenn, jenħtieġ li l-Kroazja tiġi rikonoxxuta bħala ħielsa uffiċjalment mill-bruċelloża fir-rigward tal-merħliet bovini u li tiġi elenkata kif xieraq fil-Kapitolu 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-kwalifika ta' uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloża, bruċelloża u lewkoża bovina enzootika ta' xi Stati Membri u reġjuni fl-Istati Membri rigward annimali bovini (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fil-Kapitolu 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2003/467/KE, tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Kroazja wara l-entrata ta' Franza:

| | |
|---|---|
| "HR | il-Kroazja" |